SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

13 ta' Marzu 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikolu 4(2), Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) – Il-punt 1(i), (j) u (m) tal-Anness tad-Direttiva 93/13 – Kuntratti ta' kreditu għall-konsum – Klawżola li tobbliga konsumatur jikkonkludi kuntratt ta' garanzija – Garanti magħżul mill-mutwant – Esklużjoni tal-klawżoli dwar is-suġġett prinċipali tal-kuntratt – Kuntratt anċillari għal kuntratt ta' kreditu – Setgħat tal-qorti nazzjonali – Proċedura għal ordni ta' ħlas – Direttiva 2005/29/KE – Prattiċi kummerċjali żleali – Artikoli 5 u 8 – Anness I – Direttiva 2008/48/KE – Artikolu 3(g), (i) u (n), Artikolu 10(2), Artikolu 15(2) u Artikolu 23 – Kuntratt ta' kreditu konness – Kunċett –Spiża totali tal-kreditu għall-konsumatur – Rata perċentwali annwali ta' imposta – Ebda indikazzjoni tal-ispejjeż rilevanti – Sanzjoni"

Fil-Kawża C-337/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Mejju 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Mejju 2023, fil-proċedura

APS Beta Bulgaria EOOD,

Agentsia za kontrol na prosrocheni zadalzhenia AD

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn D. Gratsias, President tal-Awla, I. Jarukaitis, il-President tar-Raba' Awla, u Z. Csehi (Relatur), Imħallef,

Avukat Ġenerali: A. M. Collins,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Agentsia za kontrol na prosrocheni zadalzhenia AD, minn E. A. Damyanova, advokat, u Y. B. Yanakiev,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

– għall-Gvern Ċek, minn L. Březinová, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Ondrůšek, E. Rousseva, N. Ruiz García, H. Tserepa-Lacombe u P. Vanden Heede, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) u (2), tal-Artikolu 5, tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1993, Vol. 95, p. 29, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100), kif ukoll tal-punt 1(b), (ċ), (i), (j) u (m) tal-Anness tad-Direttiva 93/13, tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2005, L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86), tal-Artikolu 3(g), tal-Artikolu 10(2)(g), tal-Artikolu 15(2) u tat-tieni sentenza tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008, L 133, p. 66, rettifika fil-ĠU 2009, L 207, p. 14, fil-ĠU 2010, L 199, p. 40 u fil-ĠU 2011, L 234, p. 46), kif ukoll tal-Artikolu 2(2) u tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU 2009, L 335, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 262, p. 34, fil-ĠU 2019, L 316, p. 107 u fil-ĠU 2022, L 108, p. 69).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri għall-ħruġ, favur APS Beta Bulgaria EOOD u Agentsia za kontrol na prosrocheni zadalzhenia AD, ta' ordnijiet ta' ħlas ta' djun pekunjarji taħt kuntratti ta' kreditu għall-konsum u taħt kuntratti ta' garanzija.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 93/13

3 Skont l-Artikolu 1(1) tagħha, l-għan tad-Direttiva 93/13 "huwa li japprossima l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri relatati ma' klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur [kummerċjant] u konsumatur."

4 Skont l-Artikolu 2(b) ta' din id-direttiva, għall-finijiet tagħha, il-kelma "'konsumatur' tfisser kull persuna naturali li, f'kuntratti koperti minn din id-Direttiva, tkun qiegħda taġixxi għal skopjiet li jkunu barra s-sengħa, in-negozju jew il-professjoni tagħha".

5 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

[…]

3. L-Anness għandu jkun fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti."

6 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu,

2. L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt u lanqas mal-adegwatezza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, meta mqabbla mas-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar."

7 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Fil-każ ta' kuntratti fejn ċerti klawżoli jew il-klawżoli kollha offruti lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawn il-klawżoli għandhom ikunu abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar. Fejn ikun hemm dubju dwar it-tifsir ta' klawżola, għandha tirbaħ l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-konsumatur. Din ir-regola dwar l-interpretazzjoni m'għandhiex tgħodd fil-kuntest tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7(2)."

8 Skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

9 L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri.

2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu disposizzjonijiet li bihom persuni jew organizzazzjonijiet, li jkollhom interess leġittimu skond il-liġi nazzjonali li jipproteġu

lill-konsumaturi, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni skond il-liġi nazzjonali kkonċernata quddiem il-qrati jew quddiem korpi amministrattivi kompetenti għal deċiżjoni dwar jekk il-klawżoli kuntrattwali ppreparati għal-użu ġenerali jkunux inġusti, biex ikunu jistgħu japplikaw mezzi xierqa u effettivi biex jipprevjenu li jkomplu jintużaw dawn il-klawżoli.

3. Biex jitqiesu kif imiss il-liġijiet nazzjonali, ir-rimedji legali msemmija fil-paragrafu 2 jisgħu jkunu diretti b'mod separat jew b'mod konġunt kontra numru ta' bejjiegħa jew fornituri mill-istess settur ekonomiku jew mill-assoċjazzjonijiet tagħhom li jużaw jew jirrakkomandaw l-użu ta' l-istess klawżoli kuntrattwali ġenerali jew klawżoli simili."

10 L-Anness tal-imsemmija direttiva, intitolat "Klawżoli msemmija fl-Artikolu 3(3)", jipprovdi, fil-punt 1 tiegħu:

"Klawżoli li għandhom l-għan jew l-effett li:

[…]

(b) jeskludu jew jillimitaw b'mod mhux xieraq id-drittijiet legali tal-konsumatur *vis-a-vis* il-bejjiegħ jew il-fornitur ta' parti oħra fil-każ ta' nuqqas totali jew parzjali ta' twettieq jew twettieq mhux adegwat mill-bejjiegħ jew mill-fornitur ta' kull wieħed mill-obbligi kuntrattwali, inkluża l-għażla li jitpaċa dejn dovut lill-bejjiegħ jew lill-fornitur kontra pretensjoni li l-konsumatur jista' jkollu kontrih;

(ċ) jagħmlu ftehim li jorbot lill-konsumatur billi l-provvista tas-servizzi mill-bejjiegħ jew il-konsumatur ikunu bla ħsara għal kondizzjoni li biex isseħħ tiddependi mir-rieda tiegħu biss;

[…]

(i) jorbtu lill-konsumatur b'mod irrevokabbli b'klawżoli li ma kellu l-ebda opportunità vera li jsir jafhom qabel il-konklużjoni tal-kuntratt;

(j) jawtorizzaw lill-bejjiegħ jew lill-fornitur li jibdel il-klawżoli ta' kuntratt minn naħa waħda biss mingħajr raġuni valida li tkun speċifikata fil-kuntratt;

[…]

(m) jagħtu lill-bejjiegħ jew lill-fornitur id-dritt li jistabbilixxi jekk il-merkanzija jew is-servizzi pprovduti jkunux konformi mal-kuntratt, jew jagħtuh id-dritt esklussiv li jinterpreta kwalunkwe klawżola fil-kuntratt;

[…]"

Id-Direttiva 2005/29

11 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29, intitolat "Projbizzjoni ta' prattiċi kummerċjali żleali", jipprovdi, fil-paragrafu 5 tiegħu:

"Fl-Anness I tinsab lista ta' dawk il-prattiċi kummerċjali li għandhom f'kull ċirkostanza jitqiesu bħala żleali. L-istess lista waħdanija għandha tapplika fl-Istati Membri kollha u tista tiġi modifikata biss permezz ta' revizjoni tad-Direttiva."

12 L-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, li jaqa' taħt is-Sezzjoni 2 tagħha, intitolata "Prattiċi kummerċjali aggressivi", jipprevedi:

"Prattika kummerċjali għandha titqies bħala aggressiva jekk, fil-kuntest fattwali tagħha, b'kont meħud tal-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi kollha tagħha, permezz ta' fastidju, kostrizzjoni, inkluż l-użu tal-forza fiżika, jew ta' influwenza mhux xierqa, tfixkel b'mod sinifikanti jew x'aktarx tfixkel konsiderevolment il-libertà ta' l-għażla jew l-imġieba tal-konsumatur medju fir-rigward tal-prodott u b'hekk tikkawża jew x'aktarx tikkawża li huwa jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra."

Id-Direttiva 2008/48

13 Il-premessa 22 tad-Direttiva 2008/48 hija fformulata kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprojbixxu lill-kreditur milli jirrikjedi lill-konsumatur, fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu [kuntratti ta' kreditu], jiftaħ kont bankarju jew jikkonkludi ftehim fir-rigward ta' servizz anċillari ieħor jew iħallas l-ispejjeż jew id-drijjiet għal tali kontijiet bankarji jew servizzi anċillari oħrajn. F'dawk l-Istati Membri fejn tali offerti kkombinati huma permessi, il-konsumaturi għandhom ikunu informati qabel il-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu dwar kwalunkwe servizz anċillari, li huwa obbligatorju l-ewwelnett għall-kisba tal-kreditu jew dwar it-termini u l-kondizzjonijiet offruti. L-ispejjeż pagabbli għal dawn is-servizzi anċillari għandhom ikunu inklużi fl-ispejjeż totali tal-kreditu; alternattivament, jekk l-ammont ta' tali spejjeż ma jistax jiġi ddeterminat minn qabel, il-konsumaturi għandhom jirċievu informazzjoni dwar l-eżistenza ta' spejjeż fi stadju prekuntrattwali. Il-kreditur [mutwant] għandu ikun preżunt li jaf l-ispejjeż tas-servizzi anċillari, li huwa stess jew f'isem parti terza joffri lill-konsumatur, sakemm il-prezz tiegħu ma jiddependix fuq il-karatteristiċi speċifiċi jew is-sitwazzjoni tal-konsumatur."

14 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/48, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

[…]

(g) 'l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur [għall-konsumatur]' tfisser l-ispejjeż kollha, inklużi interessi, kummissjonijiet, taxxi, u kwalunkwe tip ta' onorarji oħrajn li l-konsumatur għandu jħallas b'konnessjoni mal-ftehim ta' kreditu u li huma magħrufin mal-kreditur ħlief spejjeż notarili; l-ispejjeż relatati ma' servizzi anċillari fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu, b'mod partikolari ħlasijiet obbligatorji ta' assigurazzjoni, huma inklużi wkoll jekk, barra minn hekk, il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz huwa obbligatorju biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu skond it-termini u l-kondizzjonijiet kummerċjalizzati;

[…]

(i) 'rata ta' imposta perċentwali fis-sena'['rata perċentwali annwali ta' imposta' (RPAI)]: tfisser l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur espressa bħala perċentwali annwali ta' l-ammont totali ta' kreditu, fejn applikabbli inklużi l-ispejjeż msemmija fl-Artikolu 19(2);

[…]

(n) 'ftehim ta' kreditu konness' tfisser ftehim ta' kreditu fejn:

(i) il-kreditu in kwistjoni jservi esklussivament biex jiffinanzja ftehim għall-provvista ta' merkanzija speċifika jew il-forniment ta' servizz speċifiku, u
(ii) dawk iż-żewġ ftehim jiffurmaw minn perspettiva oġġettiva unità kummerċjali; unità kummerċjali għandha tiġi kkunisdrata li teżisti fejn il-fornitur jew dak li jipprovdi servizz innifsu jiffinanzja l-kreditu lill-konsumatur jew, jekk ikun iffinanzjat minn parti terza, fejn il-kreditur juża s-servizzi tal-fornitur jew ta' dak li jipprovdi s-servizz b'konnessjoni mal-konklużjoni, jew it-tħejjija, tal-ftehim ta' kreditu, jew fejn il-merkanzija speċifika jew il-proviżjoni ta' servizz speċifiku huma espliċitament speċifikati fil-ftehim ta' kreditu."

15 L-Artikolu 10(2) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Il-ftehim ta' kreditu għandu jispeċifika b'mod ċar u konċiż:

[…]

(g) [ir-RPAI] u l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur, ikkalkolati fil-ħin tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu; l-assunzjonijiet kollha użati għall-kalkolu ta' dik ir-rata għandhom jissemmew;

[…]"

16 Skont l-Artikolu 15(2) tal-imsemmija direttiva:

"Jekk il-merkanzija jew is-servizzi koperti minn ftehim ta' kreditu konness m'humiex forniti, jew huma biss parzjalment forniti, jew m'humiex f'konformità mal-kuntratt għall-forniment ta' merkanzija jew servizzi, il-konsumatur għandu jkollu d-dritt li jsegwi rimedji kontra l-kreditur jekk il-konsumatur ikun segwa r-rimedji tiegħu kontra l-fornitur iżda jkun naqas milli jikseb is-sodisfazzjon li għalih huwa intitolat skond il-liġi jew il-kuntratt tal-forniment ta' merkanzija jew servizzi. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw sa fejn u taħt liema kondizzjonijiet dawn ir-rimedji għandhom ikunu eżerċitabbli."

17 L-Artikolu 22(1) sa (3) tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. Sakemm din id-Direttiva jkun fiha dispożizzjonijiet armonizzati, l-Istati Membri ma jistgħux iżommu jew jintroduċu fil-liġi nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet li jiddevjaw minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi ma jkunux jistgħu jċedu d-drittijiet mogħtija lilhom bid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li timplimenta jew tikkorrespondi għal din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom, barra minn hekk, jiżguraw li d-dispożizzjonijiet li jadottaw fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma jagħtux lok għal evitar li jirriżulta mill-mod li bih jiġu fformulati ftehim, b'mod partikolari billi jiġu integrati ġbid ta' kreditu jew ftehim ta' kreditu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi ftehim ta' kreditu li n-natura u l-iskop tagħhom jagħmluha possibbli li tiġi evitata l-applikazzjoni tagħha."

18 L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa

kollha biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswassivi."

Id-dritt Bulgaru

Iż-ZZD

19 L-Artikolu 138 taż-zakon za zadalzheniyata i dogovorite (il-Liġi dwar l-Obbligi u l-Kuntratti, DV Nru 275 tat-22 ta' Novembru 1950), fil-verżjoni tagħha li tapplika għall-proċeduri fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem iż-"ZZD"), jipprovdi:

"Permezz tal-kuntratt ta' garanzija, il-garanti jintrabat lejn il-kreditur ta' persuna oħra u jerfa' r-responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tal-obbligu ta' din tal-aħħar. Dan il-kuntratt għandu jiġi konkluż bil-miktub.

Il-garanzija tista' teżisti biss fir-rigward ta' obbligu reali. Il-garanzija tista' tkun ukoll rabta futura jew possibbli."

20 L-Artikolu 147 taż-ZZD jipprevedi:

"Il-garanti jibqa' responsabbli anki wara li l-obbligu prinċipali jkun sar dovut, jekk il-kreditur ikun ressaq kawża kontra d-debitur fi żmien sitt xhur. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll meta l-garanti jkun espressament illimita l-garanzija tiegħu għat-tul tal-obbligu prinċipali.

L-estensjoni tat-terminu mogħti mill-kreditur lid-debitur ma għandhiex effett fir-rigward tal-garanti jekk dan tal-aħħar ma jkunx ta l-kunsens tiegħu."

Il-Liġi dwar il-Kreditu għall-Konsum

21 L-Artikolu 19(3) u (4) taż-zakon za potrebitelskiya kredit (il-Liġi dwar il-Kreditu għall-Konsum, DV Nru 18 tal-5 ta' Marzu 2010), fil-verżjoni tagħha li tapplika għall-proċeduri fil-kawża prinċipali, jipprovdi:

"(3) Il-kalkolu [tar-RPAI] tal-kreditu ma għandux jinkludi l-ispejjeż:

[1.] li l-konsumatur iħallas fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt ta' kreditu lill-konsumaturi;

[2.] minbarra l-prezz tax-xiri tal-prodott jew tas-servizz dovut minnu fix-xiri ta' oġġett jew fil-provvista ta' servizz, irrispettivament minn jekk dan isirx bi flus kontanti jew bi kreditu.

[3.] għaż-żamma ta' kont relatat mal-kuntratt ta' kreditu lill-konsumaturi, l-ispejjeż tal-użu ta' strument ta' pagament sabiex isiru pagamenti relatati mal-użu jew mal-ħlas lura tal-kreditu, kif ukoll spejjeż oħra relatati mat-twettiq tal-pagamenti, kemm-il darba l-ftuħ ta' dak il-kont ma jkunx obbligatorju u l-ispejjeż relatati mal-kont ikunu indikati b'mod ċar u separat fil-kuntratt ta' kreditu jew f'kuntratt ieħor konkluż mal-konsumatur.

(4) Ir-[RPAI] ma tistax tkun iktar minn ħames darbiet l-interessi moratorji bir-rata legali f'[lev Bulgaru (BGN)] u f'muniti barranin, iddeterminata permezz ta' digriet tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Bulgarija."

Il-proċeduri fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

22 Il-qorti tar-rinviju, is-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija), tressqu quddiemha diversi talbiet għall-ħruġ, favur ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ta' ordnijiet ta' ħlas ta' djun pekunjarji taħt kuntratti ta' kreditu għall-konsum u taħt kuntratti ta' garanzija.

23 Dawn il-kuntratti ta' kreditu għall-konsum ġew konklużi bejn żewġ kumpanniji finanzjarji rregolati mid-dritt Bulgaru u persuni fiżiċi għal ammonti ta' bejn 300 u 1 700 lev Bulgaru (BGN) (madwar EUR 150 u EUR 870), rimborsabbli permezz ta' ħlasijiet bin-nifs fuq perijodi ta' bejn 3 xhur u 18-il xahar, liema kuntratti jipprevedu l-applikazzjoni ta' RPAI li tvarja bejn 39.99 % u 50 %.

24 Taħt dawn il-kuntratti ta' kreditu hekk konklużi, il-mutwatarji—il-persuni li ssellfu—kellhom, sabiex jiksbu s-self jew sabiex il-fondi jiġu rrilaxxati iktar malajr, jagħtu garanzija, liema garanzija setgħet tingħata b'modi differenti, fosthom il-konklużjoni ta' kuntratt ta' garanzija ma' impriża speċjalizzata f'din l-attività, magħżula jew awtorizzata mill-mutwant—il-persuna li ssellef. Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, il-mutwatarji kollha kkonċernati ffirmaw, dakinhar stess tal-konklużjoni tal-kuntratti ta' kreditu, kuntratti ta' garanzija li kienu jipprevedu remunerazzjoni favur garanti professjonali, jiġifieri kumpanniji ta' garanzija, u dan kontra somma li tiżdied mal-għeluq tas-self. L-ispiża ta' tali garanzija, li kienet tirrappreżenta iktar minn 75 % tas-somma totali li kellha tiġi rrimborsata taħt il-kuntratti ta' kreditu, ma kinitx inkluża fir-RPAI.

25 Billi l-mutwatarji ma onorawx dak li kienu ntrabtu bih, is-somom dovuti taħt il-kuntratti ta' kreditu tħallsu lill-istituzzjonijiet mutwanti minn dawn il-garanti professjonali li ġew issurrogati fid-drittijiet tagħhom. Imbagħad, dawn il-kumpanniji ta' garanzija ċedew il-krediti tagħhom, inkluż ir-remunerazzjoni dovuta mid-debituri taħt il-kuntratti ta' garanzija, lir-rikorrenti fi-kawża prinċipali, li huma, essenzjalment, kumpanniji ta' rkupru ta' krediti.

26 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, ħlief għal waħda mill-kawżi li tressqu quddiemha, il-pagamenti mill-garanti professjonali saru wara l-għeluq tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 147 taż-ZZD, mingħajr ma ġiet invokata kontra l-krediturі prinċipali n-nuqqas ta' azzjoni tagħhom fil-konfront tad-debituri matul dan il-perijodu. Hija tirrileva, dwar dan il-punt, li ċerti qrati nazzjonali jinterpretaw din id-dispożizzjoni fis-sens li l-estinzjoni tal-obbligu tal-garanti marbut ma' dan in-nuqqas ta' azzjoni tista' tiġi invokata biss minnu u li, fil-każ ta' risposta negattiva, huwa jkollu d-dritt li jressaq azzjoni ta' rkupru kontra d-debitur inadempjenti.

27 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, jekk, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali taħt id-Direttiva 93/13, il-kuntratti ta' kreditu u ta' garanzija għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jagħmlu relazzjoni kuntrattwali unika li l-għan tagħha kien li jiġi evitat l-Artikolu 19 tal-Liġi dwar il-Kreditu għall-Konsum, fil-verżjoni tagħha li tapplika għall-proċeduri fil-kawża prinċipali, li jipprevedi RPAI massima fir-rigward ta' kuntratt ta' kreditu għall-konsum. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li f'sebgħa mit-tmien proċeduri li hija għandha quddiemha, il-garanzija ngħatat minn sussidjarja tal-mutwant. Barra minn hekk, hija tippreċiża li r-remunerazzjoni tal-garanzija, li għandha titħallas fl-istess dati tal-għeluq tas-self,

ġiet iffissata, f'kull każ, għal ammont ogħla minn 75 % tal-ammont totali li għandu jiġi rrimborsat bħala kreditu. Hija żżid tgħid li din ir-remunerazzjoni ma tteħditx inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tar-RPAI tal-kuntratt ta' kreditu.

28 Fit-tieni lok, hija tistaqsi jekk l-għażla tal-garanti mill-mutwant, li torbot lill-mutwatarju, tistax titqies bħala prattika kummerċjali żleali, fis-sens tad-Direttiva 2005/29, u, jekk le, dwar il-possibbiltà tagħha, fil-kuntest ta' proċedura mhux kontradittorja, li tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali fid-dawl biss ta' dubju serju f'dan ir-rigward.

29 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tqajjem il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-ġurisprudenza nazzjonali dwar l-Artikolu 147 taż-ZZD mal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2008/48, kemm-il darba kellu jitqies li japplika f'dan il-każ, u mal-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 93/13.

30 Fir-raba' lok, hija tistaqsi jekk ir-remunerazzjoni tal-garanzija, li, bis-saħħa ta' klawżola fil-kuntratt ta' kreditu, issir obbligatorja, għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tar-RPAI u jekk l-indikazzjoni żbaljata ta' din tal-aħħar għandhiex tiġi ekwiparata għan-nuqqas ta' indikazzjoni tagħha fil-kuntratt ta' kreditu.

31 Fil-ħames lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-possibbiltà li l-kuntratti ta' garanzija kkonċernati jiġu kklassifikati bħala kuntratti ta' assigurazzjoni, fis-sens tad-Direttiva 2009/138, u, jekk iva, dwar il-neċessità ta' awtorizzazzjoni tal-garanti skont l-Artikolu 14 ta' din id-direttiva.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sofiyski Rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 6(1) tad-[Direttiva 93/13] għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn il-kuntratt ta' kreditu jipprevedi l-obbligu għall-konsumatur li jikkonkludi kuntratt ta' garanzija, fejn il-garanti jkun persuna indikata mill-kreditur, il-kontenut tal-kuntratt ta' garanzija ma jkunx is-'suġġett prinċipali' tal-kuntratt ma' dan it-terz iżda jkun jagħmel parti mill-kontenut tal-kuntratt ta' kreditu? F'dan ir-rigward, huwa rilevanti jekk il-kreditur u l-garanti jkunu persuni konnessi?

(2) Il-punt 1(i) tal-Anness tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn il-konsumatur ikun obbligat jipprovdi garanti fir-rigward ta' kuntratt ta' kreditu diġà konkluż, fejn waħda mill-possibbiltajiet sabiex jagħmel dan tkun li jqabbad persuna indikata mill-kreditur, il-kontenut tal-obbligu tal-konsumatur li jipprovdi garanti li jirriżulta minn kuntratt [ta' garanzija] konkluż mhux iktar tard mill-jum li fih ikun ġie konkluż il-kuntratt ta' kreditu għandu jitqies li huwa ambigwu minħabba l-impossibbiltà li jagħżel jew li jipproponi l-persuna li tkun indikata lilu mill-kreditur bħala garanti futur?

(3) Fil-każ li d-domanda preċedenti tingħata risposta fis-sens li s-suġġett tal-kuntratt ta' garanzija huwa ċar, il-punt 1(i), (j) u (m) tal-Anness tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn il-konsumatur ikun assuma l-obbligu li jipprovdi garanti fir-rigward ta' kuntratt ta' kreditu diġà konkluż, fejn waħda mill-possibbiltajiet sabiex jagħmel dan tkun li jqabbad persuna indikata mill-kreditur, il-kontenut tal-obbligu tal-konsumatur taħt il-kuntratt ta' kreditu għandu jitqies li huwa ambigwu u li jista' jwassal għall-invalidità tal-kuntratt ta' kreditu jew ta' wħud mill-klawżoli tiegħu?

(4) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 8 tad-[Direttiva 2005/29], għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn persuna li tipproponi l-kreditu tipprovdi li l-konsumatur għandu jikkonkludi kuntratt ma' persuna indikata mill-persuna li tagħti l-kreditu sabiex tiggarantixxi l-kreditu tiegħu fil-konfront tal-konsumatur, dan jikkostitwixxi f'kull każ teħid ta' vantaġġ mill-pożizzjoni żvantaġġata tal-konsumatur u, għalhekk, prattika kummerċjali aggressiva?

(5) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għar-raba' domanda, l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fi proċedura ġudizzjarja unilaterali bħal dik għall-ħruġ ta' mandat, li fiha l-konsumatur ma jkunx parti, il-qorti tista' tiġġustifika dubju dwar in-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali abbażi biss tal-fatt li hemm dubju li l-klawżola setgħet ġiet aċċettat mill-konsumatur bħala riżultat ta' prattika kummerċjali żleali, jew din tal-aħħar għandha tiġi stabbilita b'ċertezza?

(6) L-Artikolu 15(2) tad-[Direttiva 2008/48] għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika fil-każ li l-kuntratt ta' kreditu jkun marbut ma' servizz anċillari, jiġifieri l-għoti ta' garanzija bi ħlas minn terz, u fis-sens li jagħti lill-konsumatur il-possibbiltà mhux biss li jinvoka id-drittijiet tiegħu minħabba l-aġir li jikkostitwixxi nuqqas min-naħa tal-garanti, bħalma huwa l-ħlas wara l-iskadenza ta' terminu legali, iżda wkoll li jqajjem eċċezzjonijiet proċedurali li jeskludu l-obbligu fil-konfront tal-garanti?

(7) L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2008/48, ikkunsidrat flimkien mal-prinċipju ta' effettività jew, eventwalment, jekk jitqies li l-kuntratt ta' kreditu u l-kuntratt ta' garanzija huma tranżazzjonijiet konnessi, l-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 93/13, ikkunsidrati flimkien mal-punt 1(b) u (c) tal-Anness ta' din l-istess direttiva, jippermettu ġurisprudenza nazzjonali li permezz tagħha, f'sitwazzjoni fejn, fil-kuntest ta' kuntratt konness ta' kreditu għall-konsum, il-garanti li jkun irċieva remunerazzjoni mill-konsumatur sabiex jiggarantixxi l-kuntratt ta' kreditu, ikun ħallas lill-kreditur prinċipali abbażi ta' klawżola kuntrattwali minkejja l-iskadenza ta' terminu legali, bħal dak previst fl-Artikolu 147 taż-[ZZD] li, skont il-ġurisprudenza, ittemm kompletament il-garanzija, il-garanti jista' xorta waħda jinvoka s-surroga fid-drittijiet tal-kreditur inizjali u jitlob il-ħlas mingħand id-debitur prinċipali filwaqt li jinvoka ambigwità fid-deċiżjonijiet ġudizzjarja dwar l-applikazzjoni tal-liġi?

(8) L-Artikolu 3(g) tad-Direttiva 2008/48, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn il-kuntratt ta' kreditu jipprevedi l-obbligu li jiġi konkluż kuntratt ta' garanzija konness mal-kuntratt ta' kreditu, li jkun marbut ma' żieda fl-ammont totali dovut bħala kreditu, ir-[RPAI] tal-kreditu għandha tiġi kkalkolata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll l-ħlasijiet dovuti bħala remunerazzjoni lill-garanti? F'dan ir-rigward, huwa rilevanti min għażel lill-garanti u jekk dan huwiex konness mal-kreditur inizjali?

(9) L-Artikolu 10(2)(g) tad-Direttiva 2008/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-indikazzjoni żbaljata tar-[RPAI] fil-kuntratt ta' kreditu konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, li jkun il-persuna li tissellef, għandha titqies bħala assenza ta' indikazzjoni tar-[RPAI] fil-kuntratt ta' kreditu u fis-sens li l-qorti nazzjonali għandha tapplika l-konsegwenzi previsti fid-dritt nazzjonali tagħha għall-każijiet fejn ma tkunx ġiet indikata r-[RPAI] fil-kuntratt ta' kreditu għall-konsum? Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn il-konsegwenzi jorbtu b'mod vinkolanti wkoll lill-garanti li jkun ħallas fir-relazzjonijiet tiegħu mal-konsumatur?

(10) It-tieni sentenza tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48 għandha tiġi interpretata fis-sens li s-sanzjoni ta' nullità tal-kuntratt ta' kreditu għall-konsum, prevista mil-leġiżlatur nazzjonali u li timplika l-ħlas lura biss tal-kapital misluf, hija proporzjonali fil-każijiet fejn il-kuntratt ta' kreditu għall-konsum ma jkunx fih indikazzjoni preċiża tar-[RPAI] sa fejn ir-rata indikata ma tkunx tinkludi l-ispejjeż tal-garanti professjonali li jkun intgħażel mill-kreditur (minkejja li fit-test tal-kuntratt ta' kreditu tkun indikata ċifra għar-rata inkwistjoni)?

(11) L-Artikolu 2(2) tad-[Direttiva 2009/138], moqri flimkien mal-punt A.14 tal-Anness I tal-istess direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżerċizzju bħala professjoni ta' attività li tinvolvi l-provvista ta' garanzija bi ħlas, fejn il-kumpannija li taġixxi bħala garanti tħallas fil-każijiet kollha ta' inadempjenza l-ammont totali tal-kreditu meħud mill-konsumatur, li jkun id-debitur prinċipali, u fejn ir-remunerazzjoni titħallas indipendentement mill-inadempjenza tal-konsumatur ma' kull ħlas dovut fuq il-kreditur, jikkostitwixxi 'attività ta' assigurazzjoni' fis-sens tal-imsemmija direttiva?

(12) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ħdax-il domanda, l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2009/138 għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li teżerċita l-attività msemmija fil-ħdax-il domanda hija suġġetta għall-obbligu li tikseb awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jkunu responsabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjoni lill-assiguratur?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

33 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija għandha r-responsabbiltà li tiddefinixxi, u li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi fuq talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali biss meta jkun jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni li tkun qiegħda tintalab tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mal-fatti tal-tilwima fil-kawża prinċipali jew mas-suġġett tagħha, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jsirulha (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2024, Bundesrepublik Deutschland (Effett ta' deċiżjoni ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat) (C-753/22, EU:C:2024:524), punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Madankollu, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-għan ta' talba għal deċiżjoni preliminari ma huwiex li jsiru opinjonijiet konsultattivi dwar domandi ġenerali jew ipotetiċi, iżda li jiġi ssodisfat il-bżonn ta' soluzzjoni effettiva ta' tilwima li tkun tirrigwarda d-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Confetra *et*, C-259/16 u C-260/16, EU:C:2018:370, punt 63).

35 Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi li għandha tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tad-domandi magħmula.

Fuq l-ewwel sal-għaxar domanda

36 Agentsia za kontrol na prosrocheni zadalzhenia tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel sar-raba' u tas-sitt sal-għaxar domanda billi essenzjalment issostni li dawn huma ta' natura ipotetika, peress li jikkonċernaw ċirkustanzi fattwali li ma humiex dawk tal-kawżi prinċipali, kif deskritti mill-qorti tar-rinviju. Barra minn hekk, is-sitt sat-tmien domanda jonqsu milli josservaw il-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu konness", fis-sens tal-Artikolu 3(n) tad-Direttiva 2008/48, filwaqt li l-għaxar domanda tikkontradixxi d-dispożizzjonijiet tad-dritt Bulgaru dwar il-konsegwenzi ta' irregolarità fl-indikazzjoni tar-RPAI.

37 Issa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi li wasslu għall-kawżi prinċipali, kif jirriżultaw mit-talba għal deċiżjoni preliminari, ma jidhirx b'mod ċar li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li qiegħda tintalab fil-kuntest tal-ewwel sar-raba' u tas-sitt sal-għaxar domanda ma għandha ebda rabta mal-kawżi prinċipali jew li l-problemi mqajma mill-qorti tar-rinviju huma ta' natura ipotetika. Barra minn hekk, il-kwistjoni dwar jekk il-qorti tar-rinviju, hija u tifformula s-sitt sat-tmien domanda, qagħditx fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu konness", fis-sens tal-Artikolu 3(n) tad-Direttiva 2008/48, taqa' taħt l-eżami fil-mertu ta' dawn id-domandi u, għalhekk, ma tistax tikkontesta l-ammissibbiltà tagħhom. Fl-aħħar nett, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 33 ta' din is-sentenza, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha teżamina l-fondatezza tal-interpretazzjoni, mill-qorti tar-rinviju, tad-dritt nazzjonali tagħha stess.

38 Barra minn hekk, sa fejn l-ewwel sar-raba' domanda jirrigwardaw, bħall-ħames waħda, l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13, għandu jitfakkar li l-kuntratti konklużi bejn kummerċjant u konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 2(b) tal-imsemmija direttiva, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tagħha. Għalkemm minn qari tad-deċiżjoni tar-rinviju jidher li l-persuni fiżiċi, li ffirmaw il-kuntratti ta' kreditu u ta' garanzija inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali, għandhom il-kwalità ta' konsumatur fis-sens ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika li dan ikun effettivament il-każ.

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi ddikjarat li l-ewwel sal-għaxar domanda huma ammissibbli.

Fuq il-ħdax u t-tnax-il domanda

40 Permezz tal-ħdax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2009/138, moqri fid-dawl tal-punt 14 tal-Parti A tal-Anness I ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-eżerċizzju professjonali ta' attività ta' garanzija kontra remunerazzjoni, li fil-kuntest tagħha, minn naħa, il-kumpannija ta' garanzija tirrimborsa lill-mutwant, fil-każijiet kollha ta' inadempjenza tal-mutwatarju, is-somom kollha dovuti taħt is-self ikkuntrattat minn dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, ir-remunerazzjoni għandha titħallas mal-għeluq tas-self indipendentement minn tali inadempjenza, tikkostitwixxi "attività ta' assigurazzjoni" fis-sens tal-imsemmija direttiva. Kemm-il darba jitqies li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata f'dan is-sens, il-qorti tar-rinviju, permezz tat-tnax-il domanda tagħha, tistaqsi jekk l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2009/138 għandux jiġi interpretat fis-sens li persuna li teżerċita din l-attività tkun obbligata tikseb liċenzja mingħand l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-għoti tal-liċenzji lill-assiguraturi.

41 Għandu jitfakkar li s-suġġett tal-kawżi prinċipali huwa t-talbiet għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' ħlas ta' djun pekunjarji kkuntrattati minn mutwanti u li r-responsabbiltà tagħhom ittieħdet minn kumpanniji ta' garanzija, li ttrasferixxew il-krediti tagħhom lir-rikorrenti fil-proċeduri prinċipali,

u li, fil-kuntest ta' dawn il-kawżi, tqum il-kwistjoni tan-natura possibbilment inġusta jew qarrieqa ta' ċerti klawżoli kuntrattwali kif ukoll tal-konsegwenzi li għandhom, jekk ikun il-każ, jinsiltu minn tali klassifikazzjoni.

42 Issa, għandu jiġi rrilevat, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva 2009/138 tistax tapplika jew le fil-kawżi prinċipali, din id-direttiva ma tipprevedi ebda sanzjoni ċivili fir-rigward tal-kuntratti ta' assigurazzjoni li jiġu konklużi bi ksur tad-dispożizzjonijiet tagħha li jirregolaw l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-impriżi ta' assigurazzjoni.

43 Għaldaqstant, fid-dawl tas-suġġett tal-kawżi prinċipali, il-ħdax u t-tnax-il domanda huma ta' natura ipotetika.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 34 ta' din is-sentenza, għandu jiġi ddikjarat li l-ħdax u t-tnax-il domanda huma, f'kull każ, inammissibbli.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel domanda

45 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' u tiddeċiedi t-tilwima li tkun tressqet quddiem din tal-aħħar. Fid-dawl ta' dan, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha, jekk ikun meħtieġ, tifformula mill-ġdid id-domandi li jsirulha (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, Greislzel, C-35/23, EU:C:2024:532, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'dan il-każ, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest tal-ewwel domanda, kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju miġbura fil-qosor fil-punt 27 ta' din is-sentenza. Barra minn hekk, sa fejn din id-domanda tirrigwarda l-possibbiltà li tiġi evalwata n-natura inġusta tal-klawżoli f'kuntratt ta' garanzija, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, li jikkonċerna l-konsegwenzi tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola f'kuntratt, ma huwiex rilevanti għar-risposta għal din id-domanda.

47 Għandu jitqies ukoll li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli f'kuntratt ta' garanzija li jiddeterminaw l-obbligi tal-garanti u tad-debitur fil-kawża prinċipali, f'sitwazzjoni fejn dan tal-aħħar ikun ikkonkluda l-kuntratt ta' garanzija fl-istess ħin tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu u sabiex jikkonforma ruħu ma' obbligu li dan il-kuntratt tal-aħħar jimponi fuqu, fejn il-garanti jkun sussidjarja tal-mutwant jew persuna magħżula minn dan tal-aħħar u fejn l-ispejjeż tal-garanzija jkunu dovuti mal-għeluq tas-self.

48 Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, l-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli la tirrigwarda d-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt u lanqas l-adegwatezza, minn naħa, tal-prezz u tar-remunerazzjoni vis-à-vis, min-naħa l-oħra, is-servizzi jew l-oġġetti li għandhom jiġu pprovduti bħala korrispettiv, kemm-il darba dawn il-klawżoli jkunu fformulati b'mod ċar u li jinftiehem.

49 Skont ġurisprudenza stabbilita, jirriżulta, kemm mir-rekwiżiti tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza, li l-kliem użat f'dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tkun tinkludi ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha, għandu normalment jingħata, madwar l-Unjoni Ewropea, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest ta' din id-dispożizzjoni u l-għan li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tfittex li tilħaq (sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai, C-26/13, EU:C:2014:282, punt 37).

50 L-istess jgħodd għall-kliem użat fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, billi din id-dispożizzjoni ma tinkludi ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha.

51 Fir-rigward tal-kategorija tal-klawżoli kuntrattwali li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "suġġett prinċipali tal-kuntratt", fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn il-klawżoli għandhom jinftiehmu bħala dawk li jistabbilixxu l-obbligi essenzjali ta' dan il-kuntratt u li, bħala tali, jikkaratterizzawh. Għall-kuntrarju, il-klawżoli li jkollhom natura aċċessorja meta mqabbla ma' dawk li jiddefinixxu l-essenza stess tar-relazzjoni kuntrattwali ma jistgħux jaqgħu taħt il-kunċett ta' "suġġett prinċipali tal-kuntratt", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et*, C-186/16, EU:C:2017:703, punti 35 u 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, bħala prinċipju, sabiex jiġi ddeterminat jekk klawżola kuntrattwali tkunx taqa' taħt is-"suġġett prinċipali" tal-kuntratt li hija tkun tagħmel parti minnu, għandu jsir riferiment għall-obbligi essenzjali ta' dan il-kuntratt. Issa, il-fatt li l-imsemmi kuntratt ikun ġie konkluż mill-konsumatur sabiex jikkonforma ruħu ma' obbligu impost minn kuntratt ieħor li dan il-konsumatur ikun ikkonkluda fl-istess waqt huwa, f'dan ir-rigward, irrilevanti.

53 Madankollu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-sistema ta' protezzjoni implimentata mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'pożizzjoni iktar dgħajfa meta mqabbel mal-kummerċjant kemm fir-rigward tas-setgħa ta' negozjar kif ukoll tal-livell ta' informazzjoni, liema pożizzjoni ġġiegħlu joqgħod għall-kundizzjonijiet li l-kummerċjant ifassal minn qabel, mingħajr ma jkun jista' jeżerċita ebda influwenza fuq il-kontenut tagħhom (sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid, C-484/08, EU:C:2010:309, punt 27).

54 Fid-dawl ta' tali pożizzjoni iktar dgħajfa, id-Direttiva 93/13 tobbliga lill-Istati Membri jipprevedu mekkaniżmu li jiżgura li kull klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata b'mod individwali tkun tista' tiġi mistħarrġa sabiex jiġi evalwat jekk din tkunx inġusta jew le. F'dan il-kuntest, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami, tali klawżola tkunx tissodisfa ir-rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' bilanċ u ta' trasparenza stabbiliti minn din id-direttiva (sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai, C-26/13, EU:C:2014:282, punt 40).

55 Issa, l-effikaċja ta' dan il-mekkaniżmu titqiegħed f'perikolu jekk kummerċjant ikun jista' jżomm milli tiġi evalwata n-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli li ma jkunux jaqgħu taħt is-suġġett prinċipali ta' kuntratt li huwa jikkonkludi ma' konsumatur, billi jinkludi dawn il-klawżoli f'kuntratt anċillari separat, li jkunu jikkostitwixxu s-suġġett prinċipali tiegħu, liema kuntratt il-konsumatur jikkonkludi, fuq talba ta' dan il-kummerċjant, ma' sussidjarja ta' dan tal-aħħar jew ma' persuna magħżula mill-imsemmi kummerċjant.

56 F'tali sitwazzjoni, iż-żewġ kuntratti għandhom jiġu analizzati bħala ħaġa waħda u, konsegwentement, għandha ssir evalwazzjoni tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli fil-kuntratt separat, kemm-il darba dawn il-klawżoli ma jkunux jaqgħu taħt is-suġġett prinċipali tar-relazzjoni kuntrattwali stabbilita bejn, minn naħa, il-kummerċjant u l-konsumatur.

57 Din il-kunsiderazzjoni hija kkorroborata, minn naħa, mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13, li jipprovdi li n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali għandha tiġi evalwata billi jsir riferiment, b'mod partikolari, għaċ-ċirkustanzi kollha tal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt kif ukoll għall-klawżoli kollha ta' kuntratt ieħor li l-imsemmi kuntratt ikun jiddependu minnu. Din il-kunsiderazzjoni hija kkorroborata wkoll, min-naħa l-oħra, mill-fatt li l-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat b'mod strett, billi jistabbilixxi eċċezzjoni għall-mekkaniżmu ta' stħarriġ fil-mertu tal-klawżoli inġusti kif previst fil-kuntest tas-sistema ta' protezzjoni tal-konsumaturi implimentata mill-imsemmija direttiva (sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, Andriciuc *et*, C-186/16, EU:C:2017:703, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Għalhekk, meta, bħal f'kawżi bħal dawk inkwistjoni, il-konsumatur ikun ikkonkluda, fl-istess ħin tal-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu, kuntratt ta' garanzija ma' sussidjarja tal-mutwant jew ma' persuna magħżula minn dan tal-aħħar, billi l-konklużjoni ta' dan it-tieni kuntratt tkun kundizzjoni sabiex jew jinkiseb kreditu jew jiġu rrilaxxati iktar malajr il-fondi mislufa u billi l-ispejjeż ta' garanzija jkunu dovuti fl-istess ħin tal-għeluq tas-self, il-fatt li l-obbligi tal-garanti u tad-debitur prinċipali jkunu jinsabu f'kuntratt ta' garanzija separat mill-kuntratt ta' kreditu ma huwiex ta' natura li jdaħħal il-klawżoli fil-kuntratt ta' garanzija fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13, inkella l-protezzjoni li jgawdi l-konsumatur li jkun jinsab f'pożizzjoni iktar dgħajfa meta mqabbel mal-kummerċjant tinġieb fix-xejn.

59 Fid-dawl tal-premess, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-evalwazzjoni tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli f'kuntratt ta' garanzija li jiddeterminaw l-obbligi tal-garanti u tad-debitur fil-kawża prinċipali, f'sitwazzjoni fejn dan tal-aħħar ikun ikkonkluda dan il-kuntratt ta' garanzija fl-istess ħin tal-kuntratt ta' kreditu u sabiex jikkonforma ruħu ma' obbligu previst f'dan il-kuntratt tal-aħħar, fejn il-garanti jkun sussidjarja tal-mutwant jew persuna magħżula minn dan tal-aħħar u fejn l-ispejjeż ta' garanzija jkunu dovuti fl-istess ħin tal-għeluq tal-kuntratt tas-self.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

60 Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-punt 1(i), (j) u (m) tal-Anness tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li klawżola li permezz tagħha konsumatur jintrabat, taħt kuntratt ta' kreditu, li jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' garanti magħżul mill-mutwant, mingħajr ma jkun jaf, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, l-identità tal-garanti u l-kontenut tal-klawżoli f'dan il-kuntratt ta' garanzija, taqa' taħt waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

61 Kif jipprovdi l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 93/13, l-Anness ta' din tal-aħħar jinkludi lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' klawżoli li jistgħu jiġu ddikjarati bħala inġusti. Fost dawn tal-aħħar hemm, b'mod partikolari, kif jirriżulta mill-punt 1(i), (j) u (m), rispettivament, ta' dan l-anness, il-klawżoli li jkollhom l-effett, l-ewwel nett, li jorbtu b'mod irrevokabbli lill-konsumatur bi klawżoli li huwa effettivament ma kellux l-opportunità li jsir jaf bihom qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, it-tieni nett, li jawtorizzaw lill-kummerċjant ibiddel unilateralment il-kundizzjonijiet tal-kuntratt

mingħajr raġuni valida u speċifikata fil-kuntratt u, it-tielet nett, li jagħtu lill-kummerċjant id-dritt li jiddetermina jekk l-oġġett ikkunsinnat jew is-servizz ipprovdut ikunx konformi mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt jew li jagħtuh id-dritt esklużiv li jinterpreta kwalunkwe klawżola fil-kuntratt.

62 Issa, għandu jiġi kkonstatat li klawżola li permezz tagħha konsumatur jintrabat, taħt kuntratt ta' kreditu, li jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' garanti magħżul mill-mutwant, mingħajr ma jkun jaf, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, l-identità tal-garanti u l-kontenut tal-klawżoli f'dan il-kuntratt ta' garanzija ma tikkorrispondi għal ebda waħda mis-sitwazzjonijiet previsti fil-punti 1(i), (j) u (m) tal-Anness tad-Direttiva 93/13. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-punt 1(i) ta' dan l-anness, għandu jiġi rrilevat li s-sitwazzjoni fejn il-konsumatur sempliċement jintrabat, waqt il-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu, li jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' garanti magħżul mill-mutwant ma hijiex l-istess bħal dik fejn konsumatur jaċċetta l-klawżoli f'kuntratt ta' garanzija li huwa ma setax ikun jaf bihom, billi l-konsumatur jkollu, sabiex jonora dan l-irbit, sussegwentement jikkonkludi l-kuntratt ta' garanzija.

63 Fid-dawl ta' dan, għandu jitfakkar li l-lista tal-klawżoli li jistgħu jiġu ddikjarati inġusti, li tinsab fl-Anness tad-Direttiva 93/13, hija biss waħda indikattiva. Konsegwentement, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk klawżola f'kuntratt ta' kreditu, li permezz tagħha l-konsumatur jintrabat li jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' garanti magħżul mill-mutwant, mingħajr ma jkun jaf, fil-mument li hekk jintrabat, l-identità tal-garanti u l-kontenut tal-klawżoli fil-kuntratt ta' garanzija, tkunx toħloq, bi ħsara tal-konsumatur, minkejja r-rekwiżit ta' *bona fide*, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt ta' kreditu, fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, Fl-affermattiv, din il-klawżola jkollha tiġi kklassifikata bħala "inġusta" u jkollhom jinsiltu l-konsegwenzi li jirriżultaw minn din il-klassifikazzjoni fir-rigward tal-validità tal-imsemmija klawżola u, jekk ikun il-każ, tal-kuntratt li tkun tagħmel parti minnu.

64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda għandha tkun li l-punt 1(i), (j) u (m) tal-Anness tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola li permezz tagħha konsumatur jintrabat, taħt kuntratt ta' kreditu, li jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' garanti magħżul mill-mutwant, mingħajr ma jkun jaf, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, l-identità tal-garanti u l-kontenut tal-klawżoli f'dan il-kuntratt ta' garanzija, ma taqax taħt dawn id-dispożizzjonijiet.

Fuq ir-raba' domanda

65 Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, ir-raba' domanda qiegħda ssir, minn naħa, fir-rigward tal-ġurisprudenza li tgħid li kemm-il darba il-konstatazzjoni tan-natura żleali ta' prattika kummerċjali ma tkunx tali li tistabbilixxi awtomatikament u minnha nnifisha n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, din tkun tikkostitwixxi fattur, fost fatturi oħra, li abbażi tiegħu l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni tkun tista' ssejjes l-evalwazzjoni tagħha tan-natura inġusta tal-klawżoli f'kuntratt, liema evalwazzjoni għandha, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13, tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha speċifiċi għall-każ inkwistjoni (sentenza tad-19 ta' Settembru 2018, Bankia, C-109/17, EU:C:2018:735, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, mill-formulazzjoni tar-raba' domanda jirriżulta li, permezz tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk is-sitwazzjoni li hija ssemmi tistax titqies dejjem bħala prattika kummerċjali aggressiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 5(5) u l-Anness I tad-Direttiva 2005/29 huma rilevanti għar-risposta li għandha tingħata għal din id-domanda.

66 Għandu jitqies, għalhekk, li, permezz tal-imsemmija domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29, moqri flimkien mal-Artikolu 5(5) u mal-Anness I ta' din id-direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-inklużjoni f'kuntratti ta' kreditu ta' klawżola li permezz tagħha l-konsumatur ikollu jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' persuna magħżula mill-mutwant tikkostitwixxi prattika kummerċjali aggressiva fiċ-ċirkustanzi kollha.

67 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kapitolu 2 tad-Direttiva 2005/29, intitolat "Prattiċi kummerċjali żleali", jikkonsisti f'żewġ sezzjonijiet, jiġifieri s-Sezzjoni 1, li tikkonċerna l-prattiċi kummerċjali qarrieqa, u s-Sezzjoni 2, li tikkonċerna l-prattiċi kummerċjali aggressivi.

68 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, li jinsab fil-Kapitolu 2 ta' din tal-aħħar, jipprojbixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, il-prattiċi kummerċjali żleali u jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu, il-kriterji li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk prattika kummerċjali tkunx waħda ta' natura żleali. Dan l-Artikolu 5 jippreċiża, fil-paragrafu 4 tiegħu, li huma żleali, b'mod partikolari, il-prattiċi kummerċjali "qarrieqa", fis-sens tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2005/29, u dawk "aggressivi", fis-sens tal-Artikoli 8 u 9 ta' din id-direttiva. Il-paragrafu 5 tal-imsemmi Artikolu 5 jipprevedi, barra minn hekk, li l-Anness I tad-Direttiva 2005/29 fih lista ta' prattiċi kummerċjali meqjusa bħala żleali fiċ-ċirkustanzi kollha u li dik il-lista, li tapplika fl-Istati Membri kollha, tista' tiġi emendata biss permezz ta' reviżjoni ta' din id-direttiva. L-imsemmija lista telenka, fil-punti 1 sa 23 tagħha, il-prattiċi kummerċjali qarrieqa fiċ-ċirkustanzi kollha u, fil-punti 24 sa 31 tagħha, il-prattiċi kummerċjali aggressivi fiċ-ċirkustanzi kollha.

69 F'dan ir-rigward, il-premessa 17 tad-Direttiva 2005/29 tippreċiża li, sabiex tingħata iktar ċertezza legali, huma biss il-prattiċi elenkati f'dan l-Anness I li huma meqjusa bħala żleali fiċ-ċirkustanzi kollha, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' evalwazzjoni każ b'każ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9 ta' din id-direttiva (sentenza tal-14 ta' Novembru 2024, Compass Banca, C-646/22, EU:C:2024:957, punt 66).

70 Billi l-Anness I tad-Direttiva 2005/29 jikkostitwixxi lista sħiħa u eżawrjenti ta' prattiċi kummerċjali meqjusa bħala żleali f'kull ċirkustanza, prattika kummerċjali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi kklassifikata bħala prattika kummerċjali aggressiva fiċ-ċirkustanzi kollha, fis-sens ta' din id-direttiva, biss kemm-il darba tkun tikkorrispondi għal waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fil-punti 24 sa 31 ta' dan l-anness (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2024, Compass Banca, C-646/22, EU:C:2024:957, punt 67).

71 Issa, sempliċi qari ta' dawn il-punti 24 sa 31 jippermetti li jiġi kkonstatat li ma hemm ebda korrispondenza bħal din.

72 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29, moqri flimkien mal-Artikolu 5(5) u mal-Anness I ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-inklużjoni f'kuntratti ta' kreditu ta' klawżola li permezz tagħha l-konsumatur ikollu jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' persuna magħżula mill-mutwant ma tikkostitwixxix prattika kummerċjali aggressiva fiċ-ċirkustanzi kollha.

Fuq il-ħames domanda

73 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, filwaqt li l-formulazzjoni tal-ħames domanda ssemmi l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, l-obbligu tal-Istati Membri li jipprevedu li l-klawżoli inġusti f'kuntratt konklużbejn konsumatur u kummerċjant ma jorbtux lill-konsumatur

huwa stabbilit fl-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, minkejja li l-qorti tar-rinviju rreferiet għall-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29, li jirrigwarda l-prattiċi kummerċjali aggressivi, il-ħames domanda tikkonċerna, b'mod iktar ġenerali, il-prattiċi kummerċjali żleali, fis-sens tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, li l-prattiċi kummerċjali aggressivi huma biss sottokategorija tagħhom.

74 Fid-dawl ta' dawn il-kjarifiki, għandu jitqies li, permezz tal-ħames domanda tagħha, magħmula kemm-il darba tingħata risposta negattiva għar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali, adita b'talba għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas fil-kuntest ta' proċeduri li l-konsumatur ma jipparteċipax fihom, tista' teskludi *ex officio* l-applikazzjoni ta' klawżola fil-kuntratt ta' kreditu għall-konsum konkluż bejn dan il-konsumatur u l-kummerċjant ikkonċernat, abbażi biss tal-eżistenza ta' dubju dwar il-fatt li din il-klawżola setgħet ġiet aċċettata mill-konsumatur frott prattika kummerċjali żleali, fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29, jew jekk l-eżistenza ta' din il-prattika għandhiex tiġi stabbilita b'ċertezza.

75 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 65 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-konstatazzjoni tan-natura żleali ta' prattika kummerċjali hija biss fattur, fost fatturi oħra, li abbażi tiegħu l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni tista' ssejjes l-evalwazzjoni tagħha tan-natura inġusta tal-klawżoli f'kuntratt. Fil-fatt, dik il-qorti għandha tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-kriterji ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 93/13 għal klawżola partikolari li għandha tiġi eżaminata fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Pereničová et Perenič, C-453/10, EU:C:2012:144, punt 44).

76 Dan ifisser li, sabiex klawżola f'kuntratt konkluż bejn konsumatur u kummerċjant tiġi kklassifikata bħala inġusta, b'ebda mod ma huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' prattika kummerċjali żleali, billi l-eżistenza ta' dubju f'dan ir-rigward hija, madankollu, fattur li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-eżami msemmi fil-punt ta' qabel. Xorta jibqa' l-fatt li l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni tista' teskludi l-applikazzjoni ta' klawżola f'kuntratt bħal dan biss kemm-il darba tkun konvinta li din il-klawżola hija ta' natura inġusta, billi sempliċi dubju f'dan ir-rigward ma huwiex biżżejjed.

77 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għalkemm il-qorti nazzjonali, billi teskludi l-applikazzjoni ta' tali klawżola inġusta sabiex din ma toħloq ebda effett vinkolanti fil-konfront tal-konsumatur ikkonċernat, tkun qiegħda tikkumpensa għall-iżbilanċ li jeżisti bejn il-konsumatur u l-kummerċjant, dan il-kumpens isir kemm-il darba dik il-qorti jkollha l-informazzjoni legali u fattwali neċessarja għal dan il-għan. Dan ifisser li, jekk ikun il-każ, il-qorti nazzjonali għandha tieħu, fin-nuqqas ta' oppożizzjoni min-naħa tal-konsumatur ikkonċernat u, jekk ikun hemm bżonn, *ex officio*, miżuri istruttorji sabiex tikkompleta l-fajl, billi titlob lill-partijiet, b'osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju, jipprovdulha informazzjoni addizzjonali għal dan il-għan. Dawn il-motivi japplikaw ukoll għal proċedura għal ordni ta' ħlas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2022, Profi Credit Bulgaria (Kumpens *ex officio* fil-każ ta' klawżola inġusta), C-170/21, EU:C:2022:518, punti 31 sa 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta li għandha tingħata għall-ħames domanda hija li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali, adita b'talba għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas fil-kuntest ta' proċeduri li l-konsumatur-debitur ma jipparteċipax fihom, ma tistax teskludi *ex officio* l-applikazzjoni ta' klawżola inġusta fil-kuntratt ta' kreditu għall-konsum konkluż bejn dan il-konsumatur u l-kummerċjant ikkonċernat, kemm-il darba ma tkunx konvinta li din il-klawżola għandha tiġi kklassifikata bħala "inġusta", fis-sens

tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva. L-eżistenza ta' dubju dwar il-fatt li din il-klawżola setgħet ġiet aċċettata mill-konsumatur frott prattika kummerċjali żleali, fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29, tista', madankollu, tikkostitwixxi fattur, fost fatturi oħra, li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżola inkwistjoni.

Fuq is-sitt u s-seba' domanda

79 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi, fis-seba' domanda tagħha, dwar il-kompatibbiltà ta' ġurisprudenza nazzjonali ma', b'mod partikolari, l-Artikoli 5 u 7, kif ukoll mal-punt 1(b) u (c) tal-Anness tad-Direttiva 93/13. Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 23 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-klawżoli fil-kuntratti konklużi bejn konsumatur u kummerċjant, kif ukoll in-natura possibbilment inġusta ta' tali klawżoli u ma jikkonċernawx l-effetti li jirriżultaw direttament mill-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali u mill-ġurisprudenza relatata u li ma jkunux tnisslu minn klawżola f'kuntratt.

80 Ir-risposta għas-sitt u għas-seba' domanda għandha għalhekk tingħata abbażi biss tad-Direttiva 2008/48, billi jiġi rrilevat li dawn id-domandi jfittxu li jiddeterminaw jekk l-Artikolu 15(2) ta' din id-direttiva jistax japplika għal kuntratti ta' kreditu bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li din id-dispożizzjoni tapplika biss għall-"kuntratti ta' kreditu konnessi", fis-sens tal-imsemmija direttiva, u li l-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu konness" huwa ddefinit fl-Artikolu 3(n) ta' din tal-aħħar.

81 Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, għandu jitqies li, permezz tas-sitt u tas-seba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk il-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu konness", fis-sens tal-Artikolu 3(n) tad-Direttiva 2008/48, għandux jiġi interpretat fis-sens li jaqa' taħt din tal-aħħar kuntratt ta' kreditu li l-konklużjoni tiegħu tkun marbuta biss ma' dik ta' kuntratt ta' garanzija ma' terz irremunerat għal dan il-għan, u, kemm-il darba għandu jiġi interpretat f'dan is-sens, jekk l-Artikolu 15(2) ta' din id-direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li tgħid li, meta l-garanti ta' kuntratt ta' garanzija, irremunerat mid-debitur prinċipali, ikun irrimborsa s-somom dovuti taħt is-self lill-kreditur prinċipali wara l-għeluq ta' terminu legali li jkollu bħala effett l-estinzjoni totali tal-garanzija, dan il-garanti jkun jista', madankollu, jinvoka s-surroga tiegħu fid-drittijiet ta' dan il-kreditur u jitlob mingħand id-debitur prinċipali l-ħlas tas-somom hekk imħallsa.

82 Mill-Artikolu 3(n) tad-Direttiva 2008/48 jirriżulta li l-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu konness" jirreferi għal kuntratt ta' kreditu li taħtu, minn naħa, il-kreditu inkwistjoni jkun iservi esklużivament sabiex jiġi ffinanzjat kuntratt ta' provvista ta' oġġetti speċifiċi u l-provvista ta' servizzi speċifiċi u, min-naħa l-oħra, dawn iż-żewġ kuntratti jkunu jikkostitwixxu, minn perspettiva oġġettiva, unità kummerċjali. Dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma kumulattivi.

83 Issa, huwa ċar li ma jistax jitqies, b'mod ovvju, li kuntratt ta' kreditu li l-konklużjoni tiegħu tkun marbuta biss mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' garanzija jservi sabiex jiġi ffinanzjat dan il-kuntratt tal-aħħar.

84 Għandu jiġi kkonstatat għalhekk li tali kuntratti ta' kreditu ma jissodisfawx l-ewwel waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi li l-akkumulu tagħhom jikkaratterizza l-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu konness", fis-sens tal-Artikolu 3(n) tad-Direttiva 2008/48. Għaldaqstant, il-fatt li kuntratti bħal dawn jikkostitwixxu unità kummerċjali flimkien ma' kuntratt ta' garanzija konkluż

ma' terz irremunerat għal dan il-għan, anki li kellu jitqies stabbilit, ma huwiex biżżejjed sabiex dawn jaqgħu taħt dan il-kunċett u sabiex, konsegwentement, jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) ta' din id-direttiva.

85 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta għas-sitt u għas-seba' domanda għandha tkun li l-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu konness", fis-sens tal-Artikolu 3(n) tad-Direttiva 2008/48, għandu jiġi interpretat fis-sens li kuntratt ta' kreditu li l-konklużjoni tiegħu tkun marbuta biss mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' garanzija ma' terz irremunerat għal dan l-għan ma jaqax taħt din l-imsemmija direttiva.

Fuq it-tmien domanda

86 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, imsemmi fil-formulazzjoni tat-tmien domanda, huwa irrilevanti għall-problema li tikkonċerna din tal-aħħar.

87 Għandu jitqies, għalhekk, li, permezz tat-tmien domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3(g) u (i) tad-Direttiva 2008/48 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-ispejjeż relatati ma' kuntratt ta' garanzija li l-konklużjoni tiegħu tkun imposta fuq il-konsumatur permezz ta' klawżola f'kuntratt ta' kreditu li huwa jkun iffirma, liema klawżola twassal għal żieda fl-ammont totali tad-dejn, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "spiża totali tal-kreditu għall-konsumatur", u, konsegwentement, taħt dak ta' "RPAI".

88 Skont l-Artikolu 3(g) tad-Direttiva 2008/48, il-kunċett ta' "spiża totali tal-kreditu għall-konsumatur" jinkludi l-ispejjeż kollha, inklużi l-interessi, il-kummissjonijiet, it-taxxi, u kwalunkwe spiża oħra li l-konsumatur għandu jħallas b'rabta mal-kuntratt ta' kreditu u li jkunu magħrufa mill-mutwant, ħlief l-ispejjeż notarili. Skont din id-dispożizzjoni, dawn l-ispejjeż jinkludu wkoll l-ispejjeż relatati mas-servizzi anċillari marbuta mal-kuntratt ta' kreditu, kemm-il darba l-konklużjoni tal-kuntratt ta' servizz tkun obbligatorja sabiex jinkiseb il-kreditu jew bis-saħħa ta' klawżoli u kundizzjonijiet kummerċjali.

89 Skont l-Artikolu 3(i) tad-Direttiva 2008/48, ir-RPAI tikkorrispondi mal-ispiża totali tal-kreditu għall-konsumatur, espressa bħala perċentwali annwali tal-ammont totali tal-kreditu, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, skont il-każ, l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 19(2) ta' din id-direttiva.

90 Sabiex tiġi żgurata protezzjoni wiesgħa tal-konsumaturi, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "spiża totali tal-kreditu għall-konsumatur", liema kunċett jindika l-ispejjeż kollha li l-konsumatur għandu jħallas b'rabta mal-kuntratt ta' kreditu u li jkunu magħrufa mill-mutwant (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Profi Credit Bulgaria (Servizzi anċillari għall-kuntratt ta' kreditu), C-714/22, EU:C:2024:263, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Għandu jitfakkar li l-premessa 22 tad-Direttiva 2008/48 tindika, minn naħa, li l-mutwant għandu jitqies li jaf bl-ispejjeż tas-servizzi anċillari, li joffri lill-konsumatur huwa stess jew f'isem terz, kemm-il darba l-prezz tagħhom ma jkunx jiddependi mill-karatteristiċi speċifiċi jew mis-sitwazzjoni speċifika tal-konsumatur u, min-naħa l-oħra, li anki jekk l-ammont tal-ispejjeż ta' dawn is-servizzi anċillari ma jkunx jista' jiġi ddeterminat minn qabel, il-konsumaturi għandhom jirċievu fl-istadju prekuntrattwali informazzjoni xierqa dwar l-eżistenza ta' tali spejjeż.

92 Issa, it-tmien domanda tirrigwarda l-każ ta' kuntratt ta' kreditu li jimponi fuq il-mutwatarju l-obbligu li jikkonkludi kuntratt ta' garanzija sabiex jinkiseb il-kreditu. L-għoti, taħt dan il-kuntratt tal-aħħar, ta' garanzija tikkostitwixxi, għalhekk, servizz marbut mal-kuntratt ta' kreditu, fis-sens tal-Artikolu 3(g) tad-Direttiva 2008/48 u, sa fejn il-konklużjoni tal-kuntratt ta' garanzija tkun obbligatorja sabiex jinkiseb il-kreditu nnifsu, l-ispejjeż relatati ma' dan il-kuntratt ikunu jagħmlu parti mill-"ispiża totali tal-kreditu għall-konsumatur", skont din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, skont il-punt (i) tal-istess artikolu, dawn għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tar-RPAI.

93 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-risposta għat-tmien domanda għandha tkun li l-Artikolu 3(g) u (i) tad-Direttiva 2008/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ispejjeż relatati ma' kuntratt ta' garanzija li l-konklużjoni tiegħu tkun imposta fuq il-konsumatur permezz ta' klawżola f'kuntratt ta' kreditu li huwa jkun iffirma, liema klawżola twassal għal żieda fl-ammont totali tad-dejn, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "spiża totali tal-kreditu għall-konsumatur" u, konsegwentement, taħt dak ta' "RPAI".

Fuq id-disa' u l-għaxar domanda

94 Permezz tad-disa' u tal-għaxar domanda, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 10(2)(g) u l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta kuntratt ta' kreditu għall-konsum ma jsemmix RPAI li tinkludi l-ispejjeż kollha previsti fl-Artikolu 3(g) ta' din id-direttiva, jipprekludu dan il-kuntratt milli jitqies bħala eżenti mill-interessi u mill-ispejjeż, b'tali mod li l-annullament tiegħu jwassal biss għall-ħlas lura, mill-konsumatur ikkonċernat, tal-kapital misluf.

95 Għandu jitfakkar, minn naħa, li l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2008/48 jarmonizza bis-sħiħ l-elementi li għandhom jiddaħħlu b'mod obbligatorju f'kuntratt ta' kreditu. Għal dan il-għan, l-Artikolu 10(2)(g) ta' din id-direttiva jipprevedi li l-kuntratt ta' kreditu għandu jsemmi, b'mod ċar u konċiż, ir-RPAI u l-ammont totali dovut mill-konsumatur, ikkalkolati fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Profi Credit Bulgaria (Servizzi anċillari għall-kuntratt ta' kreditu), C-714/22, EU:C:2024:263, punt 50).

96 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li r-riferiment għar-RPAI fil-kuntratt ta' kreditu huwa ta' importanza kbira, b'mod partikolari sa fejn jagħmilha possibbli għall-konsumatur li jevalwa l-portata ta' dak li bih ikun intrabat (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Profi Credit Bulgaria (Servizzi anċillari għall-kuntratt ta' kreditu), C-714/22, EU:C:2024:263, punt 51).

97 Min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48, moqri fid-dawl tal-premessa 47 tagħha, jirriżulta li, għalkemm l-għażla tas-sistema ta' sanzjonijiet li japplikaw fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-direttiva titħalla fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, is-sanzjonijiet hekk previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dan jimplika li l-ħruxija tal-imsemmija sanzjonijiet għandha tkun approporzjon tal-gravità tal-ksur li huma jissanzjonaw, billi, b'mod partikolari, jiżguraw effett ġenwinament dissważiv, u dan filwaqt li josservaw il-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Profi Credit Bulgaria (Servizzi anċillari għall-kuntratt ta' kreditu), C-714/22, EU:C:2024:263, punt 52)

98 Fid-dawl tal-importanza kbira li għandha għall-konsumatur l-indikazzjoni tar-RPAI f'tali kuntratt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti nazzjonali tista' tapplika *ex officio* leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li n-nuqqas ta' din l-indikazzjoni jkollu l-konsegwenza li l-kreditu mogħti jitqies bħala eżenti mill-interessi u mill-ispejjeż (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Profi Credit Bulgaria (Servizzi anċillari għall-kuntratt ta' kreditu), C-714/22, EU:C:2024:263, punt 53).

99 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, f'sitwazzjoni fejn kuntratt ta' kreditu semma RPAI stmata, u li l-ammont preċiż tagħha kellu jiġi speċifikat wara l-għoti tal-kreditu, tali sanzjoni ta' dekadenza, min-naħa tal-mutwant, tad-dritt tiegħu għall-interessi u għall-ispejjeż kellha titqies bħala waħda proporzjonata, fis-sens tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48 (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Profi Credit Bulgaria (Servizzi anċillari għall-kuntratt ta' kreditu), C-714/22, EU:C:2024:263, punt 54).

100 Għaldaqstant, fid-dawl tan-natura essenzjali tal-indikazzjoni tar-RPAI f'kuntratt ta' kreditu għall-konsum sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jsiru jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, kif ukoll fid-dawl tar-rekwiżit li jiġu inklużi fil-kalkolu ta' din ir-rata l-ispejjeż kollha msemmija fl-Artikolu 3(g) tad-Direttiva 2008/48, għandu jitqies li l-indikazzjoni ta' RPAI li ma tkunx tirrifletti b'mod fidil dawn l-ispejjeż kollha ċċaħħad lill-konsumatur mill-possibbiltà li jiddetermina l-portata ta' dak li bih ikun qiegħed jintrabat bl-istess mod bħal meta ma jkun hemm ebda indikazzjoni ta' din ir-rata. Konsegwentement, sanzjoni ta' dekadenza, min-naħa tal-mutwant, tad-dritt tiegħu għall-interessi u għall-ispejjeż, fil-każ li tiġi indikata RPAI li ma tkunx tinkludi l-imsemmija spejjeż kollha, tirrifletti l-gravità ta' tali ksur u għandha natura dissważiva u proporzjonata (sentenza tal-21 ta' Marzu 2024, Profi Credit Bulgaria (Servizzi anċillari għall-kuntratt ta' kreditu), C-714/22, EU:C:2024:263, punt 55).

101 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta għad-disa' u għall-għaxar domanda għandha tkun li l-Artikolu 10(2)(g) u l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta kuntratt ta' kreditu għall-konsum ma jkunx isemmi RPAI li tinkludi l-ispejjeż kollha previsti fl-Artikolu 3(g) ta' din id-direttiva, ma jipprekludux dan il-kuntratt milli jitqies bħala eżenti mill-interessi u mill-ispejjeż, b'tali mod li l-annullament tiegħu jwassal biss għall-ħlas lura, mill-konsumatur ikkonċernat, tal-kapital misluf.

Fuq l-ispejjeż

102 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludix l-evalwazzjoni tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli f'kuntratt ta' garanzija li jiddeterminaw l-obbligi tal-garanti u tad-debitur fil-kawża prinċipali, f'sitwazzjoni fejn dan tal-aħħar ikun ikkonkluda dan il-kuntratt fl-istess waqt ma'

kuntratt ta' kreditu u sabiex jikkonforma ruħu ma' obbligu previst f'dan il-kuntratt tal-aħħar, fejn il-garanti jkun sussidjarja tal-mutwant jew persuna magħżula minn dan tal-aħħar u fejn l-ispejjeż ta' garanzija jkunu dovuti fl-istess ħin tal-għeluq tal-kuntratt tas-self.

2) Il-punt 1(i), (j) u (m) tal-Anness tad-Direttiva 93/13/KEE

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

klawżola li permezz tagħha konsumatur jintrabat, fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu, li jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' garanti magħżul mill-mutwant, mingħajr ma jkun jaf, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, l-identità tal-garanti u l-kontenut tal-klawżoli f'dan il-kuntratt ta' garanzija, ma taqax taħt dawn id-dispożizzjonijiet.

3) L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, moqri flimkien mal-Artikolu 5(5) u mal-Anness I ta' din id-direttiva,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-inklużjoni f'kuntratti ta' kreditu ta' klawżola li permezz tagħha l-konsumatur ikollu jikkonkludi kuntratt ta' garanzija ma' persuna magħżula mill-mutwant, ma tikkostitwixxix prattika kummerċjali aggressiva fiċ-ċirkustanzi kollha.

4) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

il-qorti nazzjonali, adita b'talba għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas fil-kuntest ta' proċeduri li l-konsumatur-debitur ma jipparteċipax fihom, ma tistax teskludi *ex officio* l-applikazzjoni ta' klawżola inġusta fil-kuntratt ta' kreditu għall-konsum konklużbejn dan il-konsumatur u l-kummerċjant ikkonċernat, kemm-il darba ma tkunx konvinta li din il-klawżola għandha tiġi kklassifikata bħala "inġusta", fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva. L-eżistenza ta' dubju dwar il-fatt li din il-klawżola setgħet ġiet aċċettata mill-konsumatur frott prattika kummerċjali żleali, fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29, tista', madankollu, tikkostitwixxi fattur, fost fatturi oħra, li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżola inkwistjoni.

5) Il-kunċett ta' "kuntratt ta' kreditu konness", fis-sens tal-Artikolu 3(n) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jaqax taħt dan tal-aħħar kuntratt ta' kreditu li l-konklużjoni tiegħu tkun marbuta biss mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' garanzija ma' terz irremunerat għal dan il-għan.

6) L-Artikolu 3(g) u (i) tad-Direttiva 2008/48

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-ispejjeż relatati ma' kuntratt ta' garanzija li l-konklużjoni tiegħu tkun imposta fuq il-konsumatur permezz ta' klawżola f'kuntratt ta' kreditu li huwa jkun iffirma, liema klawżola twassal għal żieda fl-ammont totali tad-dejn, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "spiża totali tal-kreditu għall-konsumatur" u, konsegwentement, taħt dak ta' "rata perċentwali annwali ta' imposta".

7) L-Artikolu 10(2)(g) u l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

meta kuntratt ta' kreditu għall-konsum ma jkunx isemmi rata perċentwali annwali ta' imposta li tinkludi l-ispejjeż kollha previsti fl-Artikolu 3(g) ta' din id-direttiva, ma jipprekludux dan il-kuntratt milli jitqies bħala eżenti mill-interessi u mill-ispejjeż, b'tali mod li l-annullament tiegħu jwassal biss għall-ħlas lura, mill-konsumatur ikkonċernat, tal-kapital misluf.

Firem